# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 38 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru 2013 fis- 6.00 p.m.***

***<u>Preżenti</u>***

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**38/01 Talba**

38/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.10 pm billi ntqalet it-talba.

**38/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 37**

38/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) iffirmaw il-Minuti.

**38/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 37**

38/03/01 **Para 37/03/01:- *Tender* ta' Rampa fi Ġnien il-Paċi**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex l-Kunsill jwaqqaf is-sejħa għall-bini ta' rampa u joħrog sejħa ġdida għall-provvista u nstallazzjoni ta' *lifter*. Il-Kunsill unanimament qabel li jmexxi hekk. Ġie deċiż ukoll li s-S.E għandha tinforma lill-unika *tenderer* b'dan u toħroġ sejħa ġdida għall-*lifter* meta l-Perit jipprepara d-dokument u l-*specifications*. Il-Perit D. Falzon għandhu jintalab jikkonferma jekk il-Kunsill għandhux bżonn *DNO* jew *Full Development Permit* mingħand il-MEPA sabiex jiġi installat *lifter*.

38/03/02 **Para 37/03/02:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li la d-Dipartiment tal-Artijiet u lanqas d-Dipartiment Għall Gvern Lokali (DGL) ma wieġbu dwar il-ftehim ta' kera tat-Torri tas-Semaforu. Is-SE għandha ssegwi dan il-każ.

**38/03/03** **Para 37/03/05:- Tender Nru T-03/13-24:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq Gnien il-Paċi mixi sew. M. Quip infurmaw li l-*area* fejn qabel kien hemm l-*activity area* ser tinbidel sabiex tkun konformi mar-regolamenti tas-*safety*. Ftit mill-bandli u xi affarijiet oħra kienu ser jinżammu fis-*Searchlight Battery*. Ġie unanimament deċiż li d-dawl fi Ġnien il-Paċi jintefa sakemm il-Ġnien jibqa' magħluq għall-Pubbliku. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr S. Buontempo dwar *out-door gym equipment* intbgħatet. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser isegwi din l-ittra.

**38/03/04** **Para 37/03/06:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sid ġie infurmat li għandu jkopri l-ispejjez kollha jekk irid li l-fanal għandu jiġi mressaq. Sadanittant il-Kunsill irċieva talba oħra sabiex fl-istess sqaq jitwaħħal fanal ieħor. Ġie innotat li generalment l-Enemalta tesiġi li teħel bozza kull madwar 30 metru kif ukoll li fejn ġie issuġġerit li jeħel il-fanal il-ġdid, probabli ikun hemm bżonn li jeħel arblu ukoll. Is-S.E. għandha titkellem ma min għamel it-talba dwar dawn il-problemi qabel ikun hemm deċizjoni finali.

**38/03/05** **Para 37/03/07:- Ġnien tal-Ponta**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Perit Grech għandhu jibgħat l-*Progress Report* u l-*Interim Progress Payment Request* dik il-ġimgħa. Is-S.E. għandha issegwi mill-qrib għaliex dawn id-dokumenti ilhom ħafna pendenti kif ukoll tara jekk il-kuntratt ikoprix it-twaħħil tal-bankijiet u bins. Il-kuntrattur informa li x-xogħol kollhu għandu jitlesta sa l-aħħar ta' dan ix-xahar.

**38/03/06** **Para 37/03/09**:- ***Crash Barrier*** **eċċ.** Is-S.E. għandha tieħu ħsieb tiġbor il-kontijiet mingħand Koptasin u tibgħathom flimkien mal-irċevuti fiskali lid-DGL skont l-iskema. Is-S.E. għandha tfakkar lill-Koptasin sabiex iwaħħlu t-tabelli li għandna pendenti.

**38/03/07** **Para 37/03/16:- Arriva**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra lit-TM u lill-Arriva dwar ir-rotta 225 u l-*inspector* filgħodu intbaghtet. Is-S.E. intalbet tikteb ukoll dwar ir-rotta 136 li mhux qed iżżomm il-ħin.

**38/03/08** **Para 37/03/17:- Triq San Gwann:** Il-Kunsillier Vincent Galea u s-S.E. għandhom jieħdu ħsieb li tintbagħat l-ittra lil TM dwar Triq San Ġwann kif ukoll sabiex isiru marki ġodda ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Jean De La Valette (Birguma *bypass*).

**38/03/09** **Para 37/03/19**: **Triq Santa Katarina**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien tkellem mas-S.E. tal-Kunsill tas-Swieqi u infurmah bil-posizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Is-S.E. tas-Swieqi għandu jinforma lill-Kunsill.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


**38/03/10** **Para 37/05/02:- Ilment numru 18113078196981:** - Iż-2 *bollards* fi Triq 31 ta' Marzu kienu twaħħlu. Ir-resident li kien għamel l-ilment ġie infurmat li jekk dawn iż-żewġ *bollards* jerġgħu jinsterqu l-Kunsill mhux ser jerġa iwaħħal oħrajn.

**38/03/11** **Para 37/06/01:- '*Invitation to Information Session – Measure 313*'**. Il-Kunsillier Vincent Galea attenda din l-Information Session organizzata mill-*Majjistral Action Group* rigward fondi fejn l-applikazzjonijiet infetħu fit-22 t'Awissu 2013 u kellhom jagħlqu fil-21 ta' Settembru 2013. Il-Kunsillier Vincent Galea nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni kienet ikkomplikata u li għall-proġetti li jeħtieġu approvazzjoni tal-MEPA iridu ikunu provduti mall-applikazzjoni. Is-S.E. issuġġerit li jinħoloq *heritage trail* u ssir applikazzjoni sabiex jitwaħħlu tabelli ta' nformazzjoni li juri d-direzzjoni għall-postijiet ta' interess u tabelli bl-informazzjoni fuq postijiet ta' interess. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment u l-Kunsillier Vincent A. Galea u s-S.E. kellhom jaħdmu fuq din l-applikazzjoni li kienet se tagħlaq dik il-ġimgħa stess.

**38/03/12** **Para 37/06/02:- Servizz tas-Sigurta Soċjali:** Is-Sindku nforma li hu kien reġa' kiteb lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali imma d-Dipartiment insista li ser iwaqqaf dan is-servizz. Il-Kunsill unanimament wera d-diżappunt tiegħu għaliex issa r-residenti l-aktar l-anzjani ser ikollhom joqgħodu jmorru n-Naxxar sabiex jinqdew. L-uffiċċjal tad-Dipartiment irritornat il-*laptop* li kien inxtara mill-Kunsill sabiex jiġi provdut dan is-servizz. Il-Kunsill unanimament approva li dan il-*laptop* jibda jintuża mis-S.E.

**38/03/13** **Para 37/06/09 Aerobics**: Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li hu kien laħaq ftehim mal-Kapillan sabiex iċ-Ċentru Pastorali l-ġdid jibda jintuża sabiex fih jiġu organiżżati s-*sessions tal-aerobics* mill-*Health Promotion Unit*. Il-Kunsillier Muscat informa li dan iċ-Ċentru joffri aċċessibilita' sħiħa u hu tajjeb ħafna għal dawn it-tip ta' *sessions*. Il-kera hi ta' €250 sabiex isir l-program tal-Aerobics. Il-Kunsill unanimament approva dan l-arranġament u s-S.E. ser tinforma lill-*Health Promotion Unit* sabiex jibda l-programm mit-30 ta' Settembru sal 21 ta' Novembru 2013 (fid-dati indikati) mis-6.30 sas 7.30 ta' filgħaxija.

**38/03/14** **Para 37/06/19:- Lift tal-Uffiċċju tal-Kunsill**: Is-S.E. infurmat li t-*technician* mill-*Artech Aftersales* kien ġie biex jipprogramma u jagħmel il-linja diretta għal-*lift* tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva li tintuża l-linja 27414111. Is-SE għandha tinforma lit-*technician* u issegwi dan ix-xogħol.

**38/03/15** **Para 37/07/01:- Approvazzjoni tal-*Financial Quarterly Return*** *:* Il-Kunsill unanimament qabel li s-S.E, għandha tibgħat il-*Quarterly Financial Report* - April – Ġunju 2013 lid-DGL u ittellgħa kopja tiegħu fuq il-*website*. Il-*Management Accounts* ser ikunu lesti sal-laqgħa oħra.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

**38/03/16** **Para 37/08/01:- Bord tal-Għażla għas-Sejħa tal-Iskrivan Skala 15 :** Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla għas-sejħa tal-iskrivan Skala 15 kif elenkati fir-rapport li kien tqassam qabel lill-Kunsillieri u approva l-impjieg tas-Sinj Jeannine Dimech b'effett mit-Tnejn, 9 ta' Settembru 2013. Is-S.E. infurmat li kemm id-DGL u L-ETC kienu ġew mgħarrfa b'dan ir-reklutaġġ.

**38/03/17** **Para 37/09/04:-** ***Energy Audit***: Is-SE infurmat lill-Kunsill li twaħħlu meters sabiex isir l-*Energy Audit* fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**38/03/18** **Para 37/09/05:-** Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li huwa tkellem ma Brian Camilleri u dan aċċetta li jibda jiġbor ritratti u materjal sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra li joħroġ ktieb bir-ritratti tal-lokalita' ta' Ħal Għargħur.

**38/03/19** **Para 37/09/08:- Laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) aċċetta li terġa issir laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji tal-Għargħur. Is-S.E. għandha tikkonferma id-data u imbad jiġu nfurmati l-Għaqdiet rispettivament.

**38/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**38/04/01** Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa flimkien mal-iskeda tal-*Petty Cash*.

**38/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**38/05/01** ***Talba numru 18113028197946*** - Talba għal *Traffic Hump* fi Triq Caravaggio kantuniera ma Triq il-Ġnien. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba. Fuq il-post diġa' hemm tabelli u sinjali tat-traffiku li juru lil vetturi li jkunu neżlin minn Triq Caravaggio li għandhom jieqfu.

**38/05/02** ***Talba numru18113003197825*** - Talba għal linja safra fi Triq Caravaggio - Din it-talba diġa' ġiet investigata imma l-Kunsill ma rnexxielux jifhem eżatt din it-talba. Ġie unanimament deċiż li s-S.E. tagħmel appuntament ma min għamel it-talba u tmur fuq il-post ħalli tifhem eżatt x'hemm bżonn li jsir.

**38/05/03** ***Talba numru 18113015198208*** - Talba sabiex titpoġġa statwa tal-Madonna fil-Ġnien tal-Ponta. Il-Kunsill innota din it-talba. Peress li l-permess mill-MEPA ma kienx jinkludi t-tqegħid ta' statwa ġie unanimament deċiż li jinġieb parir mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar din it-talba. Ukoll il-proġett tal-bini mill-ġdid qed jiġi iffinanzjat minn fondi tal-EU taħt Mizura 313. Is-S.E. għandha titkellem mal-*Paying Agency* dwar din it-talba u tikseb il-konferma tagħhom. Rigward l-isem propost il-Kunsill iħoss li dan il-post għandu jibqa' magħruf bħala l-Ġnien tal-Ponta għaliex is-sit hekk ilu magħruf għal għexieren ta' snin mill-Għargħurin.

**38/05/04** ***Ilment numru 18113007198218-*** Ilment li minn Triq l-Indipendenza jgħaddu vetturi bi *speed* eċċessiv kif ukoll vetturi kbar. Ġie innotat li f'din it-triq diġa' hemm *traffic humps*. Gie unanimament deċiż li jitwaħħlu tabelli sabiex ma jidħlux trakkijiet u vetturi kbar fil-parti ta' Triq Indipendenza viċin Triq Caravaggio li hi dejqa. Is-S.E. ser tordna tabella minn għand il-Koptasin.

**38/05/05** ***Talba numru 18113051198244*** - Talba għat-twaħħil ta' bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra. Ara Minuta 38/03/04.

**38/05/06** Ilment dwar tapit blu li tpoġġa fl-inħawi ta' Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill innota li dan jintuża sabiex jiġi pprattikat l-isport tal-*air gliding*. Ġie unanimament deċiż li ma jsir xejn aktar u minn għamel l-ilment jiġi infurmat bl-iskop ta' dan it-tapit.

**38/06** **Korrispondenza**

**38/06/01** Korrispondenza mingħand ir-Reċjun Tramuntana dwar servizz ta' *Eco Wardens*. Il-Kunsill unanimament approva r-rotta li dawn il-gwardjani għandhom isegwu. Is-S.E. ser tieħu ħsieb tinforma lir-Reġjun bid-dettalji.

**38/06/02** ***National Aerobics Programme 2014***: Il-Kunsill unanimament qabel li jkompli jipparteċipa f'dan il-programm matul l-2014. Is-S.E. għandha tkellem lill-Madam tal-iskola primarji dwar il-possibilita' li dawn il-programmi isiru fl-iskola primarja kif ġie issuggerit mill-*Health Promotion Unit*. Jekk dan mhux possibbli matul l-2014 isiru 3 programmi fiċ-Ċentru Pastorali

**38/06/03** Stimi sabiex jinxtraw timbri li jintużaw fil-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill unanimament approva li jixtraw dawn it-timbri mingħand il-Palmyra.
.

**38/06/04** Korrespondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet għall-izvilupp. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrespondenza

**38/06/05** Korrespondenza rigward l-iskema Inizjattivi Sportivi Kunsilli Lokali 2013 Memo 49/2013 għall-*after school programme*. Is-S.E. għandha tagħmel kuntatt mas-Sur Kyle Polidano, Koordinatur ta' dan il-programm sabiex jagħti iċjed informazzjoni kif jistgħu japplikaw l-istudenti kif ukoll mal-Madam tal-iskola primarja sabiex ikun jista' jibda dan il-programm.

**38/06/06** Korrispondenza mill-PPCD dwar *Conference Assessing Opportunities for the 2013-2010 Programming Period.* Din il-korrispondenza ġiet innotata mill-Kunsill.

**38/06/07** Korrispondenza mill-MEPA dwar PA/02551/13. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**38/06/08** Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar l-Influenza *Vaccine*. Is-S.E. infurmat li diġa' qiegħed jiġu r-residenti li għandhom 55 jew iżjed sabiex jinkitbu. Ġie deċiż li l-Kapillan jintalab jagħmel avviż fil-knisja waqt il-quddies ta' nhar ta' Hadd kif ukoll li n-*nurse* Mark Pullicino jintalab sabiex jamministra t-titqib. Il-Kunsilleri Alfred Muscat ser jieħu ħsieb jikkordina din l-inizjattiva.

**38/06/09** Korrispondenza mingħand il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) fejn bgħatu 3 dati għall-laqgħa għall-għaqdiet volontarji. Il-Kunsill għażel li ssir il-laqgħa issir fil-21 t'Ottubru 2013. Is-S.E. għandha tikteb lill MCVS dwar dan.

**38/06/10** Korrispondenza mill-Aġenija Żgħażagħ mingħand is-Sinj Miriam Teuma rigward *The Youth Information One Stop Shop*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**38/06/11** Korrispondenza mill-MEPA fejn infurmawna li huma ħarġu struzzjonijiet lill-operatur tal-barriera ta' Birguma sabiex iressaq ir-ramel għal post li hu aktar kenni mir-riħ, jieħu miżuri ħalli jonqos it-trab li jtir kif ukoll sabiex ibixx bl-ilma it-triq li twassal għall-barriera.

**38/06/12** Korrispondenza mid-DLG tinfurmana li l-applikazzjoni għall-fondi sabiex jiġi installat il-*Live Streaming* kienet ġiet approvata. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg sejħa għall-offerti. Jekk l-fondi li ser jiġu allokati ikopru l-ispejjez sabiex tiġi installata din is-sistema l-Kunsill jipproċedi imma jekk l-ispiża tkun aktar għolja l-Kunsill jikkunsidra mill-ġdid jekk ikunx jista jmexxi.

**38/06/13** Korrispondenza mingħand il-Ministeru għal-Żvilupp Sostenibbli, Ambjent u Bdiel fil-Klima dwar laqgħa għall-bdiewa u raħħala. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jkellem mal-Kapillan biex jara jekk jistax joffri l-bitħa taċ-Ċentru Parokkjali sabiex fiha issir it-tinda għal din il-laqgħa fit-8 t'Ottubru. Is-SE għandha tikkommunika mal-Ministeru.

**38/06/14** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li l-*computer* tagħha u tar-*reception* għandhom bżonn RAM ġdida ħalli jkunu jistgħu jaħdmu aħjar għax bhalissa il-*computer* qed jaħdem bil-mod. Ġew ippreżentati stimi sabiex jinxtraw RAM ġodda. Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtraw ir-RAM ta' 1 GB kull wiehed ghall-prezz ta' €76 jeskludi l-VAT.

**38/06/15** Korrispondenza mill-SVPR rigward il-festa ta' San Bert. Din ġiet innotata. Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel bukkett fjuri għal din l-okkazzjoni. Is-Sindku u l-Kunsillieri Christopher Fenech u Alfred Muscat ser jattendu.

**38/06/16** Korrispondenza dwar l-elezzjoni għall-eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din ġiet innotata. Is-S.E. avżat li hi ser tieħu ħsieb l-elezzjoni li ser issir is-Sibt 12 t'Ottubru 2013.

**38/06/17** Korrispondenza dwar il-ħarsien tal-annimali. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb li ssir taħdita' dwar dan is-suġġett fil-Kunsill Lokali.

**38/06/18** Memo 21/2013 dwar il-*mobile* telefon għall-Kunsilli Lokali. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li għalissa ma l-Kunsill ma japplikax għal dan is-servizz.

**38/07** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**38/07/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bozza li fi Triq Dimitru Farrugia kienet inħarrqet u waqgħet mal-art. Il-Kunsill unanimament approva t-twaħħil ta' bozza ġdida.

**38/07/02** Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li l-Għaqda tan-Nar talbet sabiex ir-raddiena li intuċat fil-festa tinżamm fis-*Searchlight Battery*. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' din it-talba bil-kundizzjoni li jekk il-Kunsill ikollhu bżonn l-ispazju din titneħħa.

**38/07/03** Is-Sindku informa li s-S.E. u l-Uffiċċjal Eżekuttiv talbu li jattendu kors tas-*Sage*. Il-Kunsill qabel ma dan unanimament.

**38/07/04** Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ għal darb'oħra ser jorganiżża l-Milied fil-Pjazza. Din ser issir fil-15 ta' Diċembru. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'. Is-S.E. intalbet sabiex toħroħ sejħa sabiex jinġabru stimi ħalli fi Triq San Bartilmew u fil-Pjazza tal-Knisja jintrama bid-dawl dekorattiv fil-xahar tal-Milied, fil-Pjazza tintrema s-siġra tal-Milied u tiġi imżejna bil-Ponsietti. Għandhom jixtraw madwar 60 xitla.jieħdu sehem fit-tiżjien tat-Toroq u se jarmaw is-Siġra tal-Milied. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb is-siġra tal-Milied u l-ponsietti. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħa li ġejjin.

**38/07/05** Il-Kunsillier Christopher Fenech staqsa fejn waslet it-talba lid-DLG sabiex żoni fir-raħal jingħataw isem uffiċċjali. Is-S.E. infurmat li għadha ma reċevietx risposta. Is-SE intalbet issegwi.

**38/07/06** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat tal-Anzjani ser jerġa' jibda jorganizza attivita' kull xahar. Huwa qal li din issir it-tieni Tlieta ta' kull xahar. Il-Kunsillier Vincent A Galea ser jikkunsidra jorganiżża attivita' marbuta mal-Kultura kull xahar ukoll.

**38/08** **Aġġornament**

**38/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20.50 ta' filgħaxija wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 1 t'Ottubru 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **1 t'Ottubru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |